MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Numru 419/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**ROBERT LESLIE CORNEY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Robert Leslie Corney, ta' 17-il sena, bin Robert u Ann-Marie nee' Lundstorm, imwieled gewwa Liverpool (Ingilterra), nhar il-15 ta' Mejju, 1989, residenti fil-fond numru Flat 1, Verdala Court, Triq il-Hatab, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 212399 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju, 2006, go San Pawl il-Bahar:

a) Ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jade Farrugia skond ma ccertifika t-Tabib Dr J Diacono MD, tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, San Luqa;

b) U aktar talli bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, zamm jew issekkwestra lil xi persuna, u cioe’ lil Robert Leslie Corney kontra l-volonta’ taghha u/jew taghha l-post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekkwestrata, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) U aktar talli volontarjament hassar u/jew ghamel hsara fuq *mobile phone* tat-tip *Samsung* ghad-detriment ta’ Jade Farrugia liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50.00), izda inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00);

d) U kif ukoll talli fl-istess post, data, u hin kiser il-bon ordni u l-paci pubblikal, b’ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Wara li rat l-ammisjsoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Wara li rat li l-ferita sofferta minn Jade Farrugia hija wahda gravi per durata, u mhux kif indikat fit-tahrika;
Wara li semghet lill-istess Jade Farrugia tirtira l-kwerela taghha fis-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikolu 86, 214, 215, 216, 325, u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Robert Leslie Corney hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tornda l-Ordni tal-*Probation*

moghtija fil-konfront tieghu nhar id-9 ta’ Dicembru, 2004, tigi estiza ghall-perjodu massimu ta’ tlitt (3) snin, *ai termini* tad-Disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------